# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta (6) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 114/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Sterling Car Rentals Limited ( C 9362 )**

**Vs**

**Erick LJM Van Egeraat (Passaport Olandiż NPCL7K585)**

**U**

**Metropolis Developments Limited (C 35533)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Frar 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tal-intimati fis-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000.00) rappreżentanti ammont dovut bħala ħlas għal servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti lil intimat Erick L.J.M Van Egeraat;*

   2. *Illi permezz ta' skrittura privata datata, ossia kuntratt ta' kera ta' mobbli, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), li hi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok SC 1', is-soċjeta' rikorrenti Sterling Car Rentals Limited issullokat lill-intimat Erick L.J,M Van Egeraat il-vettura bl-għamla Porsche Macan S diesel li għanda chassis number WP1ZZZ95ZHLB35808, bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 777.*

   3. *Illi dan il-ftehim sar bejn is-soċjeta' rikorrenti Sterling Car Rentals Limited, l-intimat Erick L.J.M Van Egeraat bħala d-debitur prinċipali, u*

*S-Sur Husni Bej, għan nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Metropolis Developments Limited, liema soċjeta' dehret bħala garanti għall-obbligazzjonijiet tad-debitur prinċipali Erick LJ.M Van Egeraat;*

4. *Illi, bi ksur tal-ftehim tas-sullokazzjoni, l-intimati naqsu milli jħallsu is-soċjeta' rikorrenti s-somma totali ta' sittin elf Ewro (€60,000.00), liema somma tikkonsisti mill-ammont ta' tnax-il elf Ewro (€12,000.00) dovut għall-kiri tal-karozza fuq imsemmija, flimkien ma' tmienja u erbgħin Ewro (€48,000.00) dovuti bħala penali a konsegwenza tat-terminazzjoni bikrija tal-kirja, hekk kif stipulat skont il-ftehim su ċitat.*

5. *Illi s-soċjeta' esponenti interpellat lill-intimati jew min minnhom diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas ta' l-ammont dovut lilha għas-servizzi reżi u d-danni sofferti, iżda l-intimati għażlu li jibqgħu inadempjenti;*

6. *Illi l-ammont li qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u hija wkoll il-fehma tas-soċjeta' rikorrenti li 1-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont. Għalhekk jirriżulta li jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi għalhekk, is-soċjeta' rikorrenti kellha tiftaħ din il-kawża odjerna.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, s-soċjeta' esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni u/jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:*

1. ***TAQTA' U TIDDEĊIEDI** t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *TIDDIKJARA illi 1-intimati kisru il-kondizzjonijiet tal-ftehim iffirmat nhar is- 26 ta' Settembru 2016;*

3. ***TIDDIKJARA** u **TIDDEĊIEDI** illi la darba l-intimati kisru l-obbligi tagħhom taħt l-imsemmi kuntratt tal-26 ta' Settembru 2016, huma "in solidum" bejniethom debituri tas-soċjeta' rikorrenti tal-imsemmija somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) rappreżentanti bilanċ ta' debitu dovut lilha skont l-kuntratt su* ċ**itat;**

4. ***TIKKUNDANA** lill-intimati "in solidum" bejniethom, jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' sittin elf Ewro (€60,000);*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti "in solidum", inklużi dawn marbuta mal-*

*ittra uffiċjali 1816/2019.*

2. Rat illi fl-20 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' intimata **Metropolis Developments Limited** laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi (fol 55).

    1. *Illi fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, is-soċjeta' konvenuta tiċħad illi hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti;*

    2. *Illi fir-rigward tat-tieni paragrafu, is-soċjeta' konvenuta ma għandha xejn xi tgħid dwar ir-relazzjoni bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut Van Egeraat;*

    3. *Illi fir-rigward tat-tielet paragrafu, il-konvenuta tgħid illi l-iskrittura privata tas-26 ta' Settembru 2016 ma għandhiex l-effett li toħloq obbligazzjoni valida fil-konfront tal-konvenuta stante illi l-iskrittura imsemmija ma fiha ebda disposizzjoni operattiva li permezz tagħha l-konvenuta ntrabtet lejn is-soċjeta' attriċi li tissoddisfa l-obbligazzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Erick LL.J.M. Van Egeraat jekk dan ma jissodisfahomx huwa nnifsu; fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta l-istess skrittura ma toħloq ebda rabta vinkolanti versu l-attriċi in kwantu hija nieqsa minn rekwiżit essenzjali, ossia dik il-ħaġa żgura li hija l-oġġett tal-kuntratt a tenur tal-artikolu 966 (c) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

    4. *Illi fir-rigward tar-raba' paragrafu, l-konvenuta tisħaq illi hija ma assumiet l-ebda obbligu illi tħallas xi ammont minn dawk pretiżi mill-attriċi u għalhekk ma jista' jiġi addebitat l-ebda nuqqas fil-konfront tagħha; illi mingħajr preġudizzju għall-premess il-pretensjonijiet tal-attriċi huma nebulużi in kwantu l-attriċi ma tispjegax kif waslet għall-ammonti li qed tirreklama fir-rikors ġuramentat tagħha;*

    5. *Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu, is-soċjeta' konvenuta ma għandha tħallas xejn lill-attriċi u mill-bidu nett irrespinġiet il-pretensjonijiet tagħha kif jirriżulta mill-ittra tad-difensur tagħha tal-24 ta' April 2019 (Dok. MD – 1 ippreżentata man-nota tas-soċjeta' esponenti tal-01 ta' Lulju 2020) b'risposta għall-ittra tal-attriċi tas-17 ta' April 2019 (Dok. MD – 2 ippreżentata man-nota imsemmija tas-soċjeta' esponenti); Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, jidher illi fil-fatt l-attriċi kienet ittrasferiet il-vettura in kwistjoni lil terzi, kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża, u għalhekk ma tista' tirreklama l-ebda dannu jew penali;*

    6. *Illi fir-rigward tas-sitt paragrafu, s-soċjeta' konvenuta tiċħad kategorikament illi hija debitriċi tal-attriċi u di piu' tafferma illi l-attriċi kienet taf ben tajjeb bil-posizzjoni tagħha in vista tal-ittra suriferita tal-24 ta' April 2019; għalhekk id-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rappreżentant tal-attriċi illi huwa jaf personalment illi l-konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas tal-attriċi hija inveritiera;*

    7. *Illi l-esponent qiegħed jikkonferma l-preżenti risposta ġuramentata wara illi l-kontenut tagħha ġie tradott u spjegat lilu bil-lingwa Ingliża;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost is-soċjeta' konvenuta għandha s-segwenti eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:*

*(1) Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, il-pretensjonijiet tal-attriċi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-iskrittura privata suriferita tas-26 ta' Settembru 2016 ma toħloqx obbligazzjoni vinkolanti fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta versu l-attriċi u hija nieqsa minn rekwiżit essenzjali, ossia dik il-ħaġa żgura li hija l-oġġett tal-kuntratt a tenur tal-artikolu 966 (c) tal-Kodiċi Ċivili;*

*(2) Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-talbiet tal-attriċi huma preskritti a tenur tal-art. 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili;*

*(3) Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suriferiti, it-talbiet tal-attriċi in kwantu indirizzati fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta ma kisret l-ebda kondizzjoni tal-iskrittura privata suriferita tas-26 ta' Settembru 2016 u lanqas ma hi debitriċi tas-soċjeta' attriċi; għalhekk is-soċjeta' intimata ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ebda ammont lill-attriċi u għaldaqstant it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta għandhom jiġu respinti;*

*(4) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.*

3. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2020, l-intimat Erick LJM Van Egeraat ġie dikjarat kontumaċi .

4. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2020, l-intimat Erick LJM Van Egeraat ippreżenta rikors fejn ikkontesta n-notifika fejn indika illi ma kinetx valida skond l-Artikolu 167 u talab illi jingħata d-dritt jiddefendi lilu nnifsu.

5. Rat illi fis-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti ordnat lil Erick LJM Van Egeraat jidher il-Qorti fit-18 ta' Novembru 2020 sabiex jiġġustifika r-rikors tiegħu.

6. Rat illi, fit-18 ta' Novembru 2020, deher biss il-konsulent legali ta' l-intimat Erick LJM Van Egeraat u għalhekk il-Qorti kkonfermat illi l-intimat kien kontumaċi.

7. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2021, deher Dr Joseph Mizzi illi għarraf lill Qorti illi huwa tqabbad bħala mandatarju ta' Erick LJM Van Egeraat u għalhekk talab illi jingħata l-opportunita' illi jippreżenta l-eċċezzjonijiet, u wara li ġiet trattata tali talba, il-Qorti akkordatlu 20 ġurnata sabiex jippreżenta d-difiżi tiegħu.

8. Rat illi fil-11 ta' Frar 2021, ġew ippreżentati id-difiżi ta' Dr Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali ta' Erick LJM Van Egeraat, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-azzjoni proposta mis-soċjeta' attriċi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponenti kien ingaġġat minn Metropolis Developments Limited sabiex jagħti servizzi relatati mal-professjoni tiegħu ta' perit hawn Malta u jidher ċar mill-fatturi mibgħuta mill-esponenti lil Metropolis Developments Limited li kwalunkwe spejjeż inkorsi fil-kors tal-ingaġġ, inkluż il-ħlas ta' pagamenti relatati mal-vettura in kwistjoni, dejjem kellhom jiġu rimborsati minn l-istess Metropolis Developments Limited u dan b'konsapevolezza sħiħa tas-soċjeta' attriċi li kienet saħansitra għamel bosta attentati sabiex tirkupra l-pagamenti relatati mal-vettura b'mod esklussiv mingħand Metropolis Developments Limited. Kien biss wara li dawn id-diskussjonijiet fallew li s-soċjeta' attriċi bdiet tivvanta l-pretensjonijiet tagħha kontra l-esponenti, permezz ta' dawn il-proċeduri, liema pretensjonijiet jikkontradixxu l-intendiment tal-partiijet fejn is-soċjeta' attriċi rrinunzjat għad-dritt li titlob il-ħlas mingħand l-esponenti, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

3. *Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-penali huma infodanti fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjeta' attriċi qablet mat-terminazzjoni bikrija u infurmat lill-esponenti li ser tiġbor il-pagamenti mingħand Metropolis Developments Limited. L-aġir kuntradittorju tas-soċjeta' attriċi f'dan ir-rigward impedixxa lil esponenti milli jieħu l-passi neċessarji sabiex tal-inqas jevita l-penali relatati mat-terminazzjoni bikrija;*

4. *Illi fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti dejjem aġixxa in bona fede u f'kwalunkwe każ il-penali hija eċċessiva. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-esponenti kien offra li jixtri l-vettura mingħand is-soċjeta' attriċi għal iktar minn darba iżda s-sur Charles Mifsud kien tenna li ser jbiegħ il-vettura hu u/jew f'kwalunkwe każ kien ser jdur għas-soċjeta' Metropolis Developments Limited b'mod esklussiv għall-ħlas. Fil-fatt is-soċjeta' attriċi qatt ma talbet il-ħlas ta' penali mingħand l-esponenti ħlief bl-intavolar tal-kawża odjerna;*

5. *Salv kull eċċezzjoni oħra permessa mil-liġi.*

## PROVI

9. Rat l-affidavit ta' **Charles Mifsud**, direttur u rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti Sterling Car Rentals Limited ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2021 flimkien ma' dokumentazzjoni (fol 84).

10. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2021, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

11. Rat l-affidavit ta' **Erick LJM Van Egeraat** ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2021 flimkien ma' dokumentazzjoni (fol 108).

12. Rat l-affidavit ta' **Galal Ibrahim Husni Bey**, direttur tas-soċjeta' Metropolis Development Limited ippreżentat fit-22 ta' April 2022 (fol 123).

13. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2022, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi bħala provi kull ma kien fadal kienu kontro eżamijiet.

14. Semgħet il-kontro eżami ta’ Charles Mifsud illi sar fil-25 ta’ Mejju 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 129).

15. Semgħet il-kontro eżami ta’ Erick LJM Van Egeraat permezz ta’ video conferencing illi sar fit-18 ta’ Ottubru 2022 (fol 148).

16. Semgħet il-kontro eżami ta’ Galal Ibrahim Husni Bey illi sar fit-18 ta’ Ottubru 2022 (fol 148).

17. Rat illi fit-18 ta’ Ottubru 2022, il-Qorti dikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u ddifferiet il-każ għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

18. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ippreżentati fid-19 ta’ Jannar 2023 (fol 166).

19. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' Metropolis Developments Limited ippreżentati fl-14 ta’ Marzu 2023 (fol 183).

20. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-intimat Erick LJM Van Egeraat ippreżentati fid-29 ta’ Mejju 2023.

21. Rat illi fid-29 ta’ Mejju 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

22. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Van Egeraat huwa Perit Olandiż, li għandu ditta illi tipprovdi għall-żvilupp ta’ proġetti kbar, illi ottjena wkoll Warrant ta’ Perit hawn Malta sabiex jipprovdi servizz ta’ Perit hawn Malta.

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' Metropolis Development Limited għandha propjeta’ ġewwa l-Gżira illi hija riedet tiżviluppa f’ kumpless imsejjaħ ‘Malta Skygardens”.

24. Jirriżulta illi, mument minnhom, is-soċjeta' Metroplois għamlet konkors internazzjonali għal disinji kif kellu jsir dana l-iżvilupp imdaqqas, w l-intimat Van Egeraat rebaħ tali konkors, bir-riżultat illi huwa kien ingaġġat mis-soċjeta' Metropolis sabiex jipprovdi s-servizzi tiegħu bħala Perit.

25. Jirriżulta illi, bħala parti mix-xogħol illi kellu jagħmel, l-intimat Van Egeerat, flimkien ma’ xi ħaddiema tiegħu, niżlu jgħixu Malta sabiex jibdew jiddisinjaw il-proġett bil-għan illi jippreżentaw lill-Awtorita’ tal-Ippjanar u wara jibdew l-iżvilupp.

26. Jirriżulta illi s-soċjeta' Metropolis pprovdiet lil Van Egeraat post fejn huwa seta’ jgħix filwaqt illi kienet miftiehma miegħu illi tipprovdilu wkoll karozza għal meta jkun Malta.

27. Jirriżulta illi l-intimat Van Egeraat kien interessat fil-karozza Porsche Macan S Diesel, u mar għand l-aġent sabiex jottjeni stima ta’ kemm kienet tiswa tali vettura, liema stima huwa sussegwentement għadda lis-soċjeta' intimata Metropolis.

28. Jirriżulta illi, madanakollu, s-soċjeta' intimata Metropolis, li direttur u shareholder tagħha hu Galal Ibrahim Husni Bey, kellha relazzjoni tajba mas-soċjeta' rikorrenti Sterling Car Rentals Limited, illi, kif jindika isimha stess, tikri l-vetturi!

29. Jirriżulta illi, għalhekk, l-intimat Van Egeraat ittieħed għand is-soċjeta' rikorrenti Sterling, li kienet ingħatat l-istima li ottjena Van Egeraat mingħand l-aġent, u Charles Mifsud, direttur tas-soċjeta' Sterling kien mitlub jara jekk jistax jipprovdi offerta aħjar.

30. Jirriżulta illi, sussegwentement, is-soċjeta' rikorrenti għamlet offerta illi kienet aħjar minn ta' l-aġent u, fis-26 ta' Settembru 2016, ġie iffirmat 'Leasing Agreement' bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-intimat Van Egeraat, fejn il-vettura kienet qed tinkera għal €2,000 fix-xahar, għal perjodu ta' tlett snin, ossija tnejn u sebgħin (72) xahar.

31. Jirriżulta illi, fil-mument tal-iffirmar, tali ftehim ġie iffirmat minn Charles Mifsud u Erick van Egeraat, bħala Lessor u Lessee rispettivament.

32. Jirriżulta wkoll illi, ftit jiem wara, hekk kif Husni Bey kien Malta, huwa ffirma wkoll id-dokument, għan-nom tas-soċjeta' Metropolis Developments Limited, u dana sabiex jagħmel tajjeb għal Van Egeraat, ossija "guarantor".

33. Jirriżulta illi, fi kliem Mifsud, huwa ma kienx jaf lil Van Egeraat u kienet is-soċjeta' Metropolis illi kienet ġabitu għandha, u għalhekk huwa ma kien jidħol f'ebda ftehim ta' kirja ta' vettura ġdida li tiswa €110,000 ma' persuna li ma jafhiex mingħajr ma jagħmel tajjeb għal tali persuna xi ħadd illi huwa jafda – kien għalhekk illi Metropolis daħlet bħala garanti.

34. Jirriżulta illi l-arranġament illi s-soċjeta' rikorrenti Sterling kellha ma' Van Egeraat kienet illi, meta Van Egeraat ma jkunx f'Malta, peress illi kellu jsiefer varji drabi barra minn Malta, Van Egeraat kien iħalli l-vettura fil-parking tal-airport u Sterling kienu jiġbruha minn hemm u jeħduha għandhom sabiex iżommuha sakemm jirritorna Van Egeraat, fejn kienu jerġgħu jtellgħu l-vettura l-airport sabiex jsibha hemm Van Egeraat hekk kif jasal lura Malta.

35. Jirriżulta illi Van Egeraat kien qed iħallas regolarment għall-ewwel pagamenti, liema pagamenti kienu qed isiru tlett xhur bil-quddiem, u dana baqa' hekk sal-pagament illi kien sar għall-perjodu 7/4/17 sa 6/7/17.

36. Jirriżulta illi, nelfrattemp, jidher illi r-relazzjoni ta' bejn s-soċjeta' intimata Metropolis u Van Egeraat ħżienet tant illi, fi kliem Van Egeraat stess, huwa tkeċċa mid-dar fejn kien qiegħed jgħix, u ma kienx qiegħed jitħallas.

37. Jirriżulta, di fatti, illi fit-30 ta' Diċembru 2016 (fol 97), is-soċjeta' intimata Metropolis kitbet lis-soċjeta' rikorrenti Sterling fejn intimata sabiex ma tħallix il-vettura mikrija lil Van Egeraat titlaq 'il barra minn Malta, sabiex iżżomm il-vettura għandha f'każ illi Van Egeraat jħallas dak dovut minnu w illi s-soċjeta' intimata Metropolis ma ridetx tibqa' tagħmel tajjeb għal Van Egeraat bħala Garantor.

38. Jirriżulta illi, s-soċjeta' rikorrenti Sterling, kibet lil Virtu Ferries sabiex jgħarrfuhom illi l-vettura ma setgħetx titlaq minn Malta, għal liema ittra Virtu Ferries għarrfuhom illi ma kellhom ebda jedd biex iwaqqfu tali vettura jekk mhux b'ordni tal-Pulizija.

39. Jirriżulta, iżda, illi madanakollu s-soċjeta' Sterling baqgħet tipprovdi il-vettura lil Van Egeraat, li jidher ukoll illi baqa' jħallas għaliha, bl-aħħar pagament kien għal perjodu illi jiskadi fis-6 ta' Lulju 2017.

40. Jirriżulta illi Van Egeraat baqa' juża l-vettura regolarment meta kien ikun Malta u s-soċjeta' rikorrenti kienet tiġbor il-vettura mill-airport u terġa' tirritornaha kull meta kien hemm bżonn.

41. Jirriżulta iħda, illi mument minnhom, fit-2 ta Ottubru 2017, Van Egeraat siefer u ħalla l-vettura l-airport, bħalma kien l-arranġament, u s-soċjeta' rikorrenti ħadet il-vettura għandha kif dejjem kienet tagħmel. Madanakollu, meta rritorna lura Malta fit-18 ta' Ottubru 2017, s-soċjeta' rikorrenti pprovdiet lill-intimat Van Egeraat b'vettura differenti, ossija BMW 1 Series Convertible.

42. Jirriżulta illi, fi skambju illi sar bejn il-partijiet dakinhar stess (fol 118), Charles Mifsud għarraf lil Van Egeraat illi l-vettura kienet għand l-isprayer u kien marid u għalhekk ma setax jaħdem fuqha.

43. Jirriżulta, madanakollu, fix-xhieda tiegħu, illi attwalment is-soċjeta' rikorrenti għażlet dakinhar illi ma tirritornalux il-vettura lil Van Egeraat peress illi kien naqas milli jħallas il-pagament għall-perjodu ta' 7/7/17 sa 6/10/17 (fol 145) u għall-perjodu 7/10/17 sa 6/1/18 (fol 146).

44. Jirriżulta illi sussegwentement, Van Egeraat għadda ċ-ċavetta tiegħu tal-Porsche Macan lil Mifsud u baqa' juża l-BMW Series 1 sakemm huwa telaq minn Malta fid-29 ta' Ottubru 2017, u ma reġax uża vettura oħra tas-soċjeta' rikorrenti minn dak iż--żmien.

## Ikkunsidrat

45. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, s-soċjeta' qiegħda titlob għall-ħlas ta' żewġ somom separati:

    1. Is-somma ta' €12,000 rappreżentanti l-import ta' żewġ skadenzi ta' €6,000 kull wieħed għall-perjodu ta' 7/7/17 sa 6/10/17 (fol 145) u għall-perjodu 7/10/17 sa 6/1/18 (fol 146).

    2. Is-somma ta' €48,000 rappreżentanti l-penali dovuta skond il-kuntratt (fol 6 f'kaz illi il-kuntratt jiġi terminat mill-kerrej fi żmien sena mill-iffirmar tal-kuntratt, rappreżentanti erbgħa u għoxrin (24) xahar kera.

46. Jirriżulta illi s-soċjeta' Metropolis Developments Limited, da parte tagħha, topponi għat-talbiet rikorrenti u tgħid illi: (fol 56)

    1. Il-kuntratt tas-26 ta' Settembru 2016 ma huwiex vinkolanti fuqha għax jonqos l-element ta' "ħaġa żgura" kif rikjesta fl-Artikolu 966 (c) tal-Kap 16 tal-Kodiċi Ċivili.

    2. It-talbiet huma preskritti bil-perjodu ta' tmintax-il xahar skond kif jipprovdi fl-Artikolu 2148(f) għal dak illi jirrigwarda azzjonijiet għal kera ta' ħwejjeġ mobbli.

    3. Is-soċjeta' Metropolis ma kisret ebda obbligu minnha assunt u għalhekk ma għandha tagħmel tajjeb għal xejn.

47. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, l-intimat Erick Van Egeraat oġġezzjona għal dak mitlub billi qal illi:

1. It-talbiet huma preskritti bil-perjodu ta' tmintax-il xahar skond kif jipprovdi fl-Artikolu 2148(f) għal dak illi jirrigwarda azzjonijiet għal kera ta' ħwejjeġ mobbli.

2. Illi kienet is-soċjeta' Metropolis illi kellha tħallas għax huwa kien ikkontrattat magħha għas-servizzi w il-karozza kienet parti mir-rikompens għas-servizzi reżi.

3. Illi ebda penali ma hija dovuta għax kienet is-soċjeta' rikorrenti illi temmet il-kuntratt meta żammet għandha l-vettura.

**Ikkunsidrat**

48. Jirriżulta illi ż-żewġ intimati qajjmu bħala difiża prinċipali, il-fatt illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta bit-trapass ta' tmintax-il (18) xahar, skond kif jipprovdi l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

49. Jirriżulta illi l-meritu tal-kawża odjerna hija ħlas ta' kera ta' ħwejjeġ mobbli, ossija vettura, u għalhekk, a tenur tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili, azzjonijiet għal dawn huma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il xahar, ossija sena u nofs.

50. Jirriżulta, mill-atti, illi l-azzjoni odjerna inbdiet fis-6 ta' Frar 2020.

51. Jirriżulta illi l-ammont rikjest bħala kera huwa ta' €12,000 għall-perjodu ta' 7 ta' Lulju 2017 sas-6 ta' Ottubru 2017 (fol 145) u għall-perjodu 7 ta' Ottubru 2017 sa 6 ta' Jannar 2018 (fol 146).

52. Jirriżulta wkoll illi l-ammont rikjest bħala penali huwa ta' €48,000 ekwivalenti għal erbgħa u għoxrin xahar kera tali vettura, u għalhekk din għandha titqies prettament bħala ħlas ta' kera addizzjonali u mhux penali kkwantifikat mod ieħor. Jirriżulta illi l-penali ta' erbgħa u għoxrin xahar japplika f'każ illi l-kuntratt jiġi terminat qabel mhux aktar minn sena minn meta ġie iffirmat il-kuntratt.

53. Ikkunsidrat illi l-kuntratt ġie ffirmat fis-26 ta' Settembru 2016, jirriżulta għalhekk, *ex admissis*, ladarba l-kera mitluba hija dik naxxenti f'każ li kuntratt jiġi terminat fi żmien sena, illi l-kuntratt ġie meqjus terminat mis-soċjeta' rikorrenti, mhux aktar tard mis-**26 ta' Settembru 2017**.

54. Jirriżulta illi, bl-applikazzjoni tar-regola tat-18-il xahar imsemmija aktar 'il fuq:

    1. It-talba tas-7 ta' Lulju 2017 sas-6 ta' Ottubru 2017 għandha titqies bħala preskritta tmintax-il xahar mid-data meta kienet dovuta, ossija 7 ta' Lulju 2017, u għalhekk b'effett mis-**6 ta' Jannar 2019.**

    2. It-talba tas-7 ta' Ottubru 2017 sas-6 ta' Jannar 2018 għandha titqies bħala preskritta tmintax-il xahar mid-data meta kienet dovuta, ossija 7 ta' Ottubru 2017, u għalhekk b'effett mis-**6 ta' April 2019**.

    3. It-talba tal-penali in vista tat-terminazzjoni fi żmien sena, ossija 26 ta' Settembru 2017, kif fuq spjegat, għandha titqies bħala preskritta tmintax-il xahar mid-data meta ġie meqjus terminat il-kuntratt fis-26 ta' Settembru 2017, u għalhekk b'effett mis-**26 ta' Marzu 2019**

55. Ma jirriżultax illi qatt ġiet ippreżentata xi Ittra Uffiċjali mis-soċjeta' rikorrenti qabel ma ppreżentat il-kawża odjerna.

56. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ewwel azzjoni ġudizzjarja da' parte tas-soċjeta' rikorrenti saret fis-**6 ta' Frar 2020**, meta ġiet ippreżentata l-azzjoni odjerna.

57. Ma jirriżultax ukoll, f'ebda mument, illi sar xi ammissjoni bi kwalsiasi mod da parte tas-soċjeta' intimata Metropolis kif ukoll Van Egeraat, illi l-ammont kien dovut u li kellu jitħallas.

58. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-ewwel darba illi l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu s-somom fuq deskritti kien fis-**6 ta' Frar 2020**, ossija wara t-trapass ta' tmintax-il xahar li tali flejjes kienu dovuti, kif fuq aħjar deskritt.

59. Jirriżulta, għalhekk, illi l-intimati huma korretti jeċċepixxu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass tal-perjodu ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk il-Qorti għandha tilqa' tali eċċezzjoni preliminari u tiddikjara it-talbiet attriċi bħala preskritti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-Ewwel Eċċezzjoni ta' Erick LJM Van Egeraat.

**Tilqa'** t-Tieni Eċċezzjoni tas-soċjeta' Metropolis Developments Limited.

Tiddikjara t-talbiet kontenuti fl-azzjoni odjerna bħala preskritti bit-trapass ta' tmintax il-xahar a tenur tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet attriċi, kif dedotti.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**